**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 6 ta` Dicembru 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**Vs**

**RYAN BORG**

Kump Nru 884/2012

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Ryan Borg** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 511378(M), gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-23 t'April 2012 jew fil-jiem ta' qabel :

1. kxift sigrieti li kienu gew fdati lilek minhabba l-istat, professjoni jew kariga tieghek;
2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ikkommunikajt jew ittentajt tikkomunika lil xi persuna ohra xi materja jew haga ohra li kienet giet ghall-attenzjoni tieghek jew li kienet fil-pussess tieghek fil-qadi ta' dmirijietek taht l-Att Dwar il-Promozzjoni ta' Negozji, Kap 325 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta` L-Avukat Generali tat-30/08/2012 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20/08/2012 mahrug skond l-Artikolu 14(1) tal-Kapitolu 377 tal-Ligijiet ta` Malta;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi gie ppruvat sodisfacentement mill-provi prodotti illi bejn l-1 ta` April 2009 u t-30 ta` Marzu 2012, l-imputat kien impjegat bhala *senior executive* mal-Malta Enterprise Corporation *under a three year fixed term contract* (ara dok JS *a folio* 40 u dok SC *a folio* 47). Mal-bidu ta` l-impjieg tieghu, l-imputat kien ha gurament ta` segretezza ufficjali nhar it-30 ta` April 2009 skond l-Artikolu 33 tal-Kapitolu 325 tal-Ligijiet ta` Malta (ara dokument *a folio* 54). Fost xoghol iehor, l-imputat kien responsabbli mill-ipprocessar ta` l-iskema ERDF, Energy Grant Scheme ta` l-Unjoni Ewropeja. Bazikament din l-iskema kienet tfisser li kumpaniji setghu jiehdu beneficcji ghall-investimenti li jaghmlu jew biex jiggeneraw energija minn sorsi alternattivi jew biex jimplimentaw sistemi ta` efficjenza ta` energija. U jekk il-progett jigi accettat, dawn il-kumpaniji setghu jinghataw grants sa 50%.

Fit-2 ta` Ottubru 2009 Endstone Ltd, rappresentata minn Chris Gauci, issottomettiet applikazzjoni flimkien ma quotation mahruga minn Bajada International Solar System. Sussegwentement, permezz ta` ittra datata 5 ta` Marzu 2012, Endstone Ltd ipprezentat tlett quotations, din id-darba minn naha ta` Bajada New Energy, Di Natura Limited, u IES Island Engineering Services Ltd – ilkoll bil-valur ikkwotat fil-quotations relattivi.

Irrizulta l-ovvju illi l-imputat, bhala impjegat tal-Malta Enterprise, gie naturalment a konjizzjoni tad-dettalji kollha li kien hemm f'dawn il-quotations. Naturalment ukoll, Chris Gauci, bhala l-persuna li ssottometta dawn il-quotations, kien ukoll jaf ezatt x'fihom dawn il-quotations.

Gara illi l-imputat ma baqax impjegat tal-Malta Enterprise u dana peress illi kien skada l-kuntratt li kellu fit-30 ta` Marzu 2012 u dan ma kienx gie mgedded. Ftit zmien wara, propju fl-10 ta` April 2012 l-imputat gie impjegat ma` Di Natura Limited, wahda mis-socjetajiet li kienet offriet quotation lil Chris Gauci ta` Endstone Ltd.

Jumejn wara, propju nhar it-12 ta` April 2012, l-imputat kien cempel lil Chris Gauci u f'liema telefonata l-imputat, fil-kuntest li pprova jikkonvinci lil Chris Gauci biex jahdem ma Di Natura Limited, beda jitkellem dwar id-dettalji li kien hemm fil-quotations taz-zewg socjetajiet l-ohra imsemmija.

Wara li kien ircieva din it-telefonata, Chris Gauci hass li l-fatt li l-imputat tkellem u rrefera ghal dettalji li kienu johorgu mill-quotations taz-zewg suppliers l-ohra, kien jimmerita li jingieb a konjizzjoni tal-awtoritajiet koncernati, u kien ghalhekk li l-ilment imbaghad wasal ghand il-pulizija, li minn naha taghha ressqet lill-imputat bir-reati addebitati.

**Ikkunsidrat**;

Punti Preliminari.

Qabel ma ghaddiet biex tindirizza l-mertu tal-kawza, d-difiza talbet lill-Qorti tiddeciedi preliminarjament illi l-kawza ma kenitx sostenibbli stante (a) li l-Kap 325 ma kienx applikabbli ghall-imputat, izda in pessima ipotezi kellu jkun applikabbli l-Kap 463, u (b) li d-data u l-perjodu imsemmi fl-imputazzjoni huma specifici u allura, peress li l-provi kienu jindikaw data ta` telefonata li sehhet fit-12 ta` April 2012, l-imputat ma setghax jirrispondi ghall-imputazzjonijiet kif dedotti. F'dan il-kuntest d-difiza rreferiet ghas-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali tas-26.10.2016 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Carmel Polidano" (App. Nru. 312/13DS – ara paragrafu 16 tas-sentenza).

Il-Qorti taghmilha cara illi t-tieni ilment, dak indikat fil-paragrafu (b), huwa certament kwistjoni ta` provi u allura ser jigi trattat waqt l-analizi dwar il-mertu.

Dwar l-ewwel punt sollevat mid-difiza, l-Qorti tirrileva illi l-impjieg ta` l-imputat mal-Malta Enterprise igib lill-imputat bhala persuna li ghalieh japplikaw id-dispozizzjonijiet

tal-Kapitolu 377 tal-Ligijiet ta` Malta, Att dwar is-Segretezza Professjonali (ara Artikolu 2 in partikolari). In oltre, minn qari akkurat tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 463 tal-Ligijiet ta` Malta, Att dwar l-Intrapriza ta` Malta, u l-Kapitolu 325 tal-Ligijiet ta` Malta, Att dwar il-Promozzjoni ta` Negozji, jirrizulta car li dawn iz-zewg ligijiet effettivament jikkumplimentaw lil xulxin u mhux jeskludu lil xulxin. Dan ifisser illi l-prosekuzzjoni kienet gustifikata meta intavolat it-tieni imputazzjoni kontra l-imputat.

Punt iehor preliminari li din il-Qorti trid tiddisponi minnu huwa dak li jirrigwarda l-kelma ‘sigriet’, li huwa l-bazi ta` l-ewwel imputazzjoni mressqa. Minn ezami tal-Kapitoli 325, 463 u 377 tal-Ligijiet ta` Malta, gia fuq imsemmija, din il-Qorti hi tal-fehema illi t-*taghrif* li akkwista u ghadda l-imputat (skond l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni), jaqa perfettament fit-tifsira ta` *sigriet* kif ikkontemplat fil-Kapitolu 377 tal-Ligijiet ta` Malta u fl-Artikolu 257 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat**;

Illi **t-taghrif / informazzjoni** li l-imputat kellu dwar it-tlett quotations imdahhla mal-ittra tal-5 ta` Marzu 2012 li kienet giet sottomessa mis-socjeta Endstone Ltd (parti mill-Vivendo Group), kien gie ghandu minhabba propju l-impjieg tieghu. Din l-informazzjoni, fiha nnifisha, kienet tikkonsisti f’sigriet ghall-imputat, impjegat kif gia intqal mal-Malta Enterprise. Il-kwalita` sigrieta fit-termini tal-ligi ta` tali informazzjoni hija wahda oggettiva u hija propju marbuta ma` l-informazzjoni innifisha, indipendentement minn min tkun il-persuna li (kif gara f’dan il-kaz, kien Chris Gauci, li kien gia jaf x’inhuma d-dettalji tal-quotations koncernati) tircievi dik l-informazzjoni.

Fil-kuntest tar-rizultanzi processwali kollha mehuda flimkien din il-Qorti ma ssib ebda raguni valida fil-ligi ghaliex ghandha tiskarta l-allegazzjoni ta` Chris Gauci, li jispjega kif ircieva t-telefonata minghand l-imputat u d-dettalji li tkellem dwarhom l-imputat (dettalji li l-imputat kien jaf minhabba l-ex-impjieg tieghu mal-Malta Enterprise). Din il-verzjoni ghandha mis-sewwa u hija kkonfortata mill-kumpless tal-provi.

Dwar il-punt imqajjem mid-difiza (in linea mal-insenjament fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Kriminali msemmija), u cioe` li d-data tat-12 ta` April 2012 taqa barra mill-parametri ta` gimgha mid-data tat-23 ta` April 2012 kif ipprospettat fl-att tal-imputazzjonijiet, u konsegwentement l-imputat ma jistax jinstab hati ta` l-akkuzi kif

migjuba, din il-Qorti hi tal-fehema li ghandu jkun il-gudikant tal-fatt li ghandu jiddetermina jekk l-imputazzjoni hijiex wahda sostenibbli, legalment u ragonevolment, a bazi tal-provi mressqa. Din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha skond il-ligi.

**Ikkunsidrat**;

Kwantu ghas-sanzjoni applikabbli din il-Qorti, apparti l-ksur tal-ligi, hija ferm preokkupata bin-nuqqas ta` etika ta` certu nies u l-mod legger kif dawn l-istess nies jikkomportaw ruhhom fis-socjeta.

**KONKLUZZJONI;**

**Ghall-motivi premessi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31 u 257 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-Artikoli 33 u 38 tal-Kapitolu 325 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lill-imputat hati ta` l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena tal-multa fis-somma ta` elfejn u hames mitt ewro (€2,500).**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur